

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-25 ta' Novembru 2014 – Brouwerij Van Honsebrouck vs UASI – Beverage Trademark (KASTEEL)

(Kawża T-375/12)⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Komunità Ewropea — Trade mark verbali KASTEEL — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti CASTEL BEER — Raġuni relativa għal rifjut — Użu ġenwin tat-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Probbabiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 — Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009”]

(2015/C 016/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Brouwerij Van Honsebrouck (Ingelmunster, il-Belġju) (rappreżentant: P. Maeyaert, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: Beverage Trademark Co. Ltd BTM (Tortola, il-Gżejjer Verġni Britanniċi, ir-Renju Unit) (rappreżentant: R. Dequiré-Portier, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Ġunju 2012 (Każ R 652/2011-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Beverage Trademark Co. Ltd BTM u Brouwerij Van Honsebrouck.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Brouwerij Van Honsebrouck għandha tħati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) u minn Beverage Trademark Co. Ltd BTM.

⁽¹⁾ ĠU C 343, 10.11.2012.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-25 ta' Novembru 2014 – Alfastar Benelux vs Il-Kunsill

(Kawża T-394/12)⁽¹⁾

(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta’ sejħa għal offerti — Manteniment tekniku u servizzi ta’ assistenza u ta’ intervent fuq is-sit għall-kumpjuters personali, għall-printers u għat-tagħmir periferali tas-Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill — Ċaħda tal-offerta ta’ offerent u għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor — Deċiżjoni meħuda wara l-annullament mill-Qorti Ĝeneralni ta’ deċiżjoni preċedenti — Talba għad-danni”)

(2015/C 016/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Alfastar Benelux SA (Ixelles, il-Belġju) (rappreżentanti: N. Keramidas u N. Korogiannakis, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Vitsentzatos, E. Chatzioakeimidou u M. Robert, aġġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li ma taċċettax l-offerta mressqa mirrikorrenti, fl-ambitu tas-sejħa għal offerti ristretta UCA 218/07, għall-manteniment tekniku u għas-servizzi ta' assistenza u ta' intervent fuq is-sit għall-komputers personali, għall-printers u għat-tagħmir periferali tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u li tagħti l-kuntratt lil offerent ieħor, u, min-naħa l-oħra, talba għall-kumpens għad-dannu allegatament sostniet minħabba l-għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Alfastar Benelux SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 331, 27.10.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Novembru 2014 – Royalton Overseas vs UASI – S.C. Romarose Invest (KAISERHOFF)

(Kawża T-556/12) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva KAISERHOFF — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti KAISERHOFF — Sospensjoni tal-proċedura amministrattiva — Regoli 20 u 50 tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 — Exami ex officio tal-fatti — Artikolu 76(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2015/C 016/54)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Royalton Overseas Ltd (Road Town, il-Gżejjer Verġni Brittaniċi, ir-Renju Unit) (rappreżentant: C. Năstase, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard Monguinal, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: S.C. Romarose Invest Srl (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentanti: R.-G. Dragomir u G.-L. Ilie, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-4 ta' Ottubru 2012 (Każ R 2535/2011-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn S.C. Romarose Invest Srl u Royalton Overseas Ltd hija annullata.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-4 ta' Ottubru 2012 (Każ R 2535/2011-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn S.C. Romarose Invest Srl u Royalton Overseas Ltd hija annullata.
- 2) L-UASI għandu jħalli l-ispejjeż tiegħu kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti minn Royalton Overseas, inklużi l-ispejjeż indispensabbli sostnuti minn Royalton Overseas għall-finijiet tal-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI.